C/2025/357

13.1.2025

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-eżenzjonijiet użati minn Franza skont l-Artikolu 2(4) u 2(6) tar-Regolament (UE) 2023/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu

(C/2025/357)

Il-pubblikazzjoni tal-eżenzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(4) u 2(6) tar-Regolament (UE) 2023/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-użu ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu (ir-Regolament FuelEU Maritime) [1] hija bbażata fuq l-informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu.

Franza nnotifikat lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha li tuża l-eżenzjonijiet skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE) 2023/1805 għar-reġjuni ultraperiferiċi u l-portijiet elenkati hawn taħt:

ISEM IR-REĠJUN ULTRAPERIFERIKU	ISEM IL-PORT
Martinique	Fort-de-France, Le Marin, Le Robert, Saint-Pierre, Trinité
Guyane	Dégrad des Cannes, Îles du Salut, Kourou, Le Larivot, Saint-Georges de l'Oyapock, Saint-Laurent du Maroni
La Réunion	Le Port
Mayotte	Longoni, Dzaoudzi
Saint-Martin	Port de Commerce de Galisbay, Gare maritime de Marigot
Guadeloupe	Basse-Terre, Deshaies, Grand-Bourg de Marie-Galante, La Pointe Jarry, Marina de Rivière Sens, Pointe-à-Pitre, Saint-François

Franza nnotifikat lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha li tuża l-eżenzjonijiet skont l-Artikolu 2(6) tar-Regolament (UE) 2023/1805 għar-rotot u l-vapuri elenkati hawn taħt:

ROTTA EŻENTATA	ISEM IL-KUMPANIJA U L-VAPURI
Marsilja – Ajaccio	Kumpanija: Corsica Linea – La Méridionale Group Vapuri: A Galeotta; A Nepita; Jean Nicoli; Vizzavona; Piana; Kalliste; Girolata; Pelagos
Marsilja – Bastia	Kumpanija: Corsica Linea Vapuri: Pascal Paoli; A Galeotta; A Nepita; Jean Nicoli; Paglia Orba; Vizzavona
Marsilja – Porto-Vecchio	Kumpanija: La Méridionale Vapuri: Piana; Kalliste; Girolata; Pelagos
Marsilja – Propriano	Kumpanija: Corsica Linea Vapuri: A Nepita; Paglia Orba
Marsilja – L'Île-Rousse	Kumpanija: Corsica Linea Vapuri: Monte d'Oro; Paglia Orba

[1] ĠU L 234, 22.9.2023, p. 48, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1805/oj.